

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000003/2016

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Matthias Groote

f'isem il-Grupp S&D

Gerben-Jan Gerbrandy

f'isem il-Grupp ALDE

Bas Eickhout

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Merja Kyllönen

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Piernicola Pedicini

f'isem il-Grupp EFDD

Suġġett: Azzjoni tal-Kummissjoni biex tikkonforma mal-Kawża T-521/14 Svezja vs Kummissjoni

Fis-16 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-Kummissjoni Ewropea kienet kisret id-dritt tal-UE billi naqset milli tadotta miżuri dwar l-ispeċifikazzjoni ta' kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni ta' proprjetajiet ta' interferenti endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (Kawża T-521/14 Svezja vs Kummissjoni). Il-Kummissjoni għet obbligata tadotta tali miżuri sa Diċembru 2013.

F'Lulju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi ta' diversi għażliet għal tali kriterji, inklużi bosta għażliet għal bidliet regolatorji fil-leġiżlazzjoni settorjali.

Il-Qorti kkonkludiet li l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni ta' proprjetajiet ta' interferenti endokrinali għandhom ikunu bbażati fuq xjenza b'rabta mas-sistema endokrinali biss, indipendentement minn kull kunsiderazzjoni oħra, b'mod partikolari kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-leġiżlatur stabbilixxa l-bilanċ bejn it-titjib tas-suq intern u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent, u li l-Kummissjoni ma tistax tqiegħed f'dubju dan il-bilanċ permezz tas-setgħat iddelegati lilha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti kkonkludiet li l-liġi ma kinitx tirrikjedi tali analiżi tal-impatt, u anke kieku l-Kummissjoni kellha twettaq tali analiżi tal-impatt, dan bl-ebda mod ma kellu jeżoneraha, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan, milli tikkonforma mal-iskadenzi stabbiliti għall-adozzjoni ta' dawk l-atti delegati.

Il-Kummissjoni issa se tiegħu l-azzjoni b'mod urġenti biex tirrimedja għall-ksur tal-liġi bi qbil mal-Artikolu 266 tat-Trattati?

Imressqa: 13.1.2016

Mgħoddija: 15.1.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 22.1.2016